MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2006

Citazzjoni Numru. 1394/2000/1

**RAMEL U ŻRAR LIMITED**

**vs**

**MIXER LIMITED ġja' Planka Limited u Mixer Concrete Works Limited**

## Il-Qorti:

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-6 ta' Lulju, 2000, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, il-kumpannija attriċi talbet li l-kumpanniji mħarrka, jew min minnhom, iħallsuha s-somma ta' sebat elef seba' mija u disgħa u ħamsin lira Maltija u disgħa u tletin ċenteżmi (Lm 7,759.39) bħala prezz ta' merkanzija lilhom mibjugħa u konsenjata fuq talba tagħhom;
Rat in-Nota mressqa fl-1 ta' Settembru, 2000, li biha l-kumpannija mħarrka Mixer Concrete Works Limited laqgħet għall-azzjoni attriċi billi eċċepiet il-preskrizzjoni

tas-sentejn dwar l-ammont mitlub jew biċċa minnu. Eċċepiet ukoll li ma kinitx il-kuntradittriċi leġittima tal-pretensjonijiet tal-kumpannija attriċi u dan minħabba li wħud mill-pretensjonijiet attriċi jmorru lura saħansitra sa minn żmien qabel mal-kumpannija eċċipjenti kienet twaqqfet. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li l-prospett tat-talba attriċi jidher li m'huwiex sewwa għaliex għandu joħroġ li Mixer Concrete Works Limited għandha tagħti lill-kumpannija attriċi s-somma ta' Lm 1274.09, u mhux dik mitluba. Minbarradan, lanqas ma huwa dovut dak l-ammont għaliex kien hemm arranġament bejn il-partijiet li fejn ikun hemm xi dejn, dan kellu jitpaċa bit-teħid min-naħa tal-kumpannija attriċi ta' materjal tal-kumpannija eċċipjenti;

Rat in-Nota mressqa fl-1 ta' Settembru, 2000, li biha l-kumpannija mħarrka Mixer Limited laqgħet għall-azzjoni attriċi billi eċċepiet li l-azzjoni attriċi waqgħet minħabba li għadda ż-żmien li fih setgħet titressaq, u li hija ma kinitx il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi għaliex hija ma xtrat xejn aktar mingħandha wara l-1991, u sa dak inhar kienet ħallset ta' kulma xtrat. Fuq kollox, l-ammont mitlub mhux dovut minħabba arranġament ta' tpaċija li kien jitħaddem bejn il-partijiet permezz ta' tpartit ta' prodotti;

Rat is-sentenza tagħha tat-22 ta' April, 2004[1], li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, hija ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqlin minn kull waħda miż-żewġ kumpanniji mħarrka;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fid-9 ta' Diċembru, 2005[2];

Rat li l-ebda waħda mill-kumpanniji mħarrka ma ressqu Nota ta' Sottomissjonijiet bi tweġiba għal dik tal-attur, u dan minkejja li ngħataw żmien xieraq biex jagħmlu dan;

---

[1] Paġġ. 126 sa 134 tal-proċess
[2] Paġġ. 164-9 tal-proċess

Semgħet it-trattazzjoni bil-fomm tal-avukat tal-kumpanniji mħarrka;

Rat id-degriet tagħha tas-7 ta' Marzu, 2006, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għall-ħlas ta' materjal mibjugħ u konsenjat mill-kumpannija attriċi. Il-kumpannija attriċi tgħid li, għal medda ta' snin, kienet ikkonsenjat dak il-materjal liż-żewġ kumpanniji mħarrkin u ma kinitx tħallset l-ammont mitlub bħala bilanċ;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li xogħol ewlieni tal-kumpannija attriċi huwa dak li tħaddem barriera fil-limiti ta' Ħad-Dingli. Fost il-klijenti tagħha kellha lill-kumpannija Planka Limited. Din kienet tħaddem *batching plant* fil-limiti ta' Ħaż-Żebbuġ. Fl-1995, din il-kumpannija bidlet isimha għal Mixer Limited (aktar 'il quddiem imsejħa "ML"), u fl-istess waqt bidlet l-idejn. Fi Frar tal-istess sena, twaqqfet kumpannija oħra, Mixer Concrete Works Limited (aktar 'il quddiem imsejħa "MCWL"), li ħadet f'idejha t-tħaddim tal-*batching plant* li qabel kienet tħaddem ML[3];

Illi jirriżulta[4] li l-konsenji li dwarhom il-kumpannija attriċi qegħda tfittex il-ħlas f'din il-kawża jinfirxu fuq medda ta' żmien bejn Mejju tal-1991 u Settembru tal-1998. Għal xi żmien wara l-1991, il-konsenji twaqqfu billi kien hemm ammont mhux imħallas[5]. Għall-ammont li kien għadu mhux imħallas, il-kumpannija Planka Limited kienet għaddiet *cheque* għas-somma ta' elf lira Maltija (Lm 1,000) bħala ħlas akkont lill-kumpannija attriċi[6]. Imma meta dan tressaq f'bank biex jissarraf, fl-1995, irriżulta li ma kienx hemm fondi fil-kont u ma ssarrafx. Matul l-1997,

[3] Affidavit ta' Sebastian Dalli 10.4.2001, f'paġ. 53 tal-proċess
[4] Dok "A", f'paġ. 5 tal-proċess
[5] Affidavit ta' Gaetano Abdilla 28.11.2000, f'paġ. 21 tal-proċess
[6] Dok "GA1", f'paġ. 24 tal-proċess

jiġifieri xi żmien wara li l-impjant tal-konkos għadda f'idejn il-kumpannija mħarrka MCWL, reġgħu bdew isiru konsenji mill-ġdid. Tul dan iż-żmien jidher li kien jitħaddem sistema ta' tpaċija billi għal xogħol ta' materjal tal-barriera tagħha li kienet tbigħ lill-kumpanniji mħarrka, kienet titħallas b'xogħol ta' konkos maħdum fl-impjant tal-kumpanniji mħarrka, billi kienet tibgħat lil terzi persuni (kredituri tagħha) għand l-imħarrkin biex jieħdu dak ix-xogħol u b'hekk jinqata' l-kont. Il-kumpannija mħarrka MCWL kienet ħarġet rendikont tal-konsenji magħmula bejn Marzu u Lulju tal-1998[7];

Illi F'Marzu tal-1999[8] u f'Diċembru tal-1999[9], il-kumpannija attriċi bagħtet ittri uffiċjali lil kull waħda miż-żewġ kumpanniji mħarrka titlobhom il-ħlas. Billi l-ħlas ma sarx, infetħet il-kawża f'Lulju tal-2000;

Illi l-<u>konsiderazzjonijiet ta' dritt</u> marbutin mal-każ li l-Qorti fadlilha xi tqis, iduru sewwa mad-diffikulta' li nħolqot kemm mill-bidla li saret fi ħdan il-kumpanniji mħarrkin, u kif ukoll mal-mod li bih il-partijiet mexxej in-negozju ta' bejniethom. Dawn iż-żewġ ċirkostanzi wasslu biex nisslu l-eċċezzjonijiet taż-żewġ imħarrkin u swew ta' wġigħ ta' ras lill-kumpannija attriċi fit-tmexxija tal-każ tagħha. Hemm żewġ eċċezzjonijiet li jeħtieġ li wieħed jistħarreġ. L-ewwel waħda hija dik fejn il-kumpanniji jgħidu (għal raġunijiet differenti, imma msenslin ma' xulxin) li ma kinux iwieġbu għat-talba attriċi u ma kinux il-leġittimi kontradittur tagħha. It-tieni waħda hija l-eċċezzjoni li kull kreditu li seta' kien dovut, tħallas bi tpaċija;

Illi l-ewwel ħaġa li għandha tingħad hi li l-kumpannija attriċi qegħda titlob il-ħlas ta' somma waħda. Madankollu, huwa ċar li din is-somma hija ġabra ta' djun li jinfirxu fuq medda ta' żmien. Huwa ċar ukoll li biċċa mid-dejn inħoloq żmien qabel ma' MCWL kienet twaqqfet. Filwaqt li l-bilanċ l-ieħor tad-dejn kien tnissel wara li l-kumpannija mħarrka ML waqfet tħaddem il-*batching plant*. Fis-sewwa, l-ebda waħda miż-żewġ imħarrkin ma mqar allegat li l-ammont mitlub mill-kumpannija attriċi kienx f'xi żmien dovut. Dak li

[7] Dokti "GA4" sa "GA9", f'paġġ. 34-9 tal-proċess
[8] Dok "GA3", f'paġ. 29 tal-proċess
[9] Dok "GA4", f'paġ. 32 tal-proċess

jallegaw huwa jew li kull waħda minnhom, għal raġunijiet tagħha, tgħid li m'għandhiex tħallas l-ammont kollu mitlub, jew li, jekk kien hemm xi ammont dovut, dan jew għadda ż-żmien li fih seta' jintalab il-ħlas tiegħu, jew inkella li l-obbligu tal-ħlas waqa' minħabba t-tpaċija. Il-kumpannija attriċi, filwaqt li ma tiċħadx li kien hemm arranġament li bih materjal mixtri minnha mingħand l-imħarrka MCWL seta' jinqata' mill-prezz ta' materjal fornit mill-istess MCWL, tisħaq li ma kien hemm l-ebda rabta li l-ħlas tal-materjal mibjugħ minnha kellu tabilfors jitħallas b'materjal ieħor[10]. Min-naħa tagħha, l-imħarrka MCWL tgħid li kien ħtija tal-kumpannija attriċi jekk ma ħaditx mingħandha l-materjal li kien għad fadal biex jista' jinqata' d-dejn;

Illi s-somma mitluba mill-kumpannija attriċi hija maqsuma f'biċċa li tirrigwarda l-prezz tal-merkanzija mibjugħa (sitt elef seba' mija u tmienja u tmenin lira Maltija u tmienja u sittin ċenteżmi), u l-biċċa l-oħra (disa' mija u sebgħin lira Maltija u wieħed u sebgħin ċenteżmi) turi l-imgħaxijiet miġmugħa fuq dak il-prezz;

Illi l-fatt tal-konsenja u l-bejgħ tal-materjal li fuqu l-kumpannija attriċi ssejjes l-azzjoni tagħha wkoll ma jidhirx li huwa kontestat serjament mill-imħarrkin. Minbarra dan, il-kumpannija attriċi ressqet prova dokumentali ta' tali konsenji[11]. F'dan ir-rigward, madankollu, l-Qorti jidhrilha li għandha ssemmi li waqt li wħud (il-biċċa l-kbira) mill-fatturi jgħajtu lil "*Abdilla Bros.*", uħud oħrajn jgħajtu lil "*Ramel u Żrar tal-Qawwi Limited*" li l-ebda waħda minnhom ma hija l-isem tal-kumpannija attriċi. Iżda billi wħud mill-imsemmija fatturi jaqblu mar-rendikont maħruġ mill-kumpannija mħarrka MCWL, il-Qorti sejra tqis – fin-nuqqas ta' kontestazzjoni min-naħa tal-istess imħarrkin – li dawk il-fatturi huma fatturi maħruġa fl-interess tal-kumpannija attriċi dwar il-kreditu pretiż tagħha;

Illi dwar **l-eċċezzjoni li l-imħarrkin m'humiex il-kontradditturi leġittimi** l-Qorti tibda biex tgħid li r-raġunijiet miġjuba 'l quddiem mill-istess imħarrkin huma raġunijiet ta' xejra temporali. Fi kliem ieħor, kemm ML u kif ukoll

[10] Affidavit ta' Joseph Abdilla 28.12.2000, f'paġ. 40 tal-proċess
[11] Dok "RZ1", f'paġġ. 65 sa 113 tal-proċess

MCWL iressqu tali eċċezzjoni għal raġuni marbuta jew mal-eżistenza tagħhom, jew mal-arranġamenti li kienu fil-fatt għaddejjin bejn il-kumpannija attriċi u bejnhom fi żmien partikolari. Għal dak li jirrigwarda lill-imħarrka ML, ma hemmx dubju li l-konsenji li kienu saru fl-1991 (meta l-imħarrka kienet għadha magħrufa bħala Planka Limited) kienu konsenji li jirrigwardaw lilha. Fuq kollox, il-ħlas akkont offrut b'ċekk maħruġ minn Planka Limited jixhed dan. Ladarba t-talba attriċi tgħodd fiha dak il-kreditu wkoll, l-eċċezzjoni ma tistax tintlaqa', għaliex m'huwiex kontradittur leġittimu dak li m'għandu x'jaqsam xejn ma' ebda biċċa mill-pretensjoni attriċi f'kawża. Hawnhekk, dan mhux il-każ, u, minħabba li l-Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla mill-istess ML, taqa' wkoll, fiċ-ċirkostanzi, l-eċċezzjoni li ML m'għandhiex twieġeb, imqar f'biċċa, għall-pretensjonijiet tal-kumpannija attriċi;

Illi safejn dik l-eċċezzjoni tolqot lill-kumpannija l-oħra mħarrka MCWL, din ukoll mhix mistħoqqa għaliex hija stess tistqarr li, għal dak li għandu x'jaqsam ma' konsenji magħmulin mill-kumpannija attriċi wara l-1997, dawn saru fuq talba tagħha u bi ftehim magħha. Dan jingħad ukoll minħabba l-fatt li, fit-tielet eċċezzjoni tagħha, hija saħansitra tistqarr li hija **debitriċi tal-attriċi** f'biċċa mill-ammont miltub fiċ-Ċitazzjoni. Għall-istess raġuni, għalhekk, bl-ebda mod ma jista' jingħad li MCWL m'hijiex il-kontradittriċi leġittima tal-pretensjonijiet (jew biċċa minnhom) tal-kumpannija attriċi;

Illi jifdal spunt ieħor x'jiġi mistħarreġ marbut ma' din l-eċċezzjoni. Dan hu l-fatt li, f'xi żmien, sar arranġament intern bejn iż-żewġ kumpanniji mħarrkin li bih, fost ħwejjeġ oħra, t-tħaddim tal-impjant għadda minn idejn ML għal għand MCWL. Il-kumpannija attriċi tgħid li, sa l-1999, ma kinitx għadha taf li l-impjant kien qiegħed jitħaddem minn kumpannija li ma kinitx ML, u tgħid li baqgħet tforni l-materjal mingħaliha li qegħda tfornih lil ML. Min-naħa l-oħra, MCWL tisħaq li l-kumpannija attriċi kienet taf li l-ftehim dwar il-konsenji l-ġodda kien sar magħha, u li, fuq kollox, MCWL ma kinitx intrabtet li tagħmel tajjeb għal xi djun li kellha ML qabel;

Illi fin-nuqqas ta’ provi definittivi[12] u ta’ min joqgħod fuqhom dwar x’kienu l-arranġamenti bejn iż-żewġ kumpanniji mħarrkin (li, għalkemm immexxijin u f’idejn l-istess persuna, jibqgħu dejjem żewġ persuni ġuridiċi separati u distinti), il-Qorti sejra tqis li l-pretensjonijiet attriċi tressqu fil-konfront ta’ kull waħda miż-żewġ kumpanniji mħarrkin skond iż-żmien li fih seħħet ir-relattiva konsenja. Jiġifieri, dik il-parti tat-talba attriċi li tirreferi għal żmien qabel ma l-imħarrka MCWL sejra titqies imressqa kontra ML waħedha. Filwaqt li dik il-parti tat-talba attriċi li tirreferi għall-konsenji wara l-1997 sejra titqies magħmula kontra MCWL waħedha. Wara kollox, it-talba attriċi kif imfassla tipprospetta sitwazzjoni bħal din;

Illi għar-rigward **tal-eċċezzjoni tal-ħlas tal-kreditu bi tpaċija** jibda biex jingħad li t-tpaċija sseħħ hekk kif tnejn min-nies ikunu, fl-istess waqt, ukoll debituri ta’ xulxin[13]. Kemm hu hekk, din it-tpaċija ssir bis-saħħa tal-liġi wkoll jekk kemm-il darba d-debituri jkunux jafu li qegħda sseħħ[14]. It-tpaċija sseħħ fejn ikun hemm żewġt idjun li jkollhom somma ta’ flus jew ħaġa funġibbli ta’ l-istess speċi u dan sakemm iż-żewġt idjun ikunu likwidi u dovuti[15];

Illi, minbarra dan, it-tpaċija hija meqjusa mil-liġi bħala waħda mill-modi li bihom tintemm obbligazzjoni[16]. Biex isseħħ it-tpaċija, għalhekk, jeħtieġ li jkun hemm obbligazzjoni li toqtol, għal kollox jew f’biċċa, obbligazzjoni oħra kuntrarja. Dan ifisser li t-tpaċija, meta tiġi eċċepita, tammonta għal stqarrija ta’ għarfien tal-obbligazzjoni li kontra tagħha t-tpaċija ssir. Kemm hu hekk, ingħad li t-tpaċija hija ammissjoni tal-obbligazzjoni kuntrarja[17] u twaqqa’ l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Illi fid-dawl tal-fatti li joħorġu mill-atti, jirriżulta li n-negozju bejn il-kumpannija attriċi u l-kumpannija mħarrka MCWL kien sostanzjalment wieħed ta’ bejgħ ta’ materjal.

---

[12] Ara, f’dan ir-rigward, ix-xhieda ta’ Gaetano Abdilla fil-kontro-eżami tiegħu tal-1.2.2005, f’paġġ. 145-6 tal-proċess
[13] Art. 1196(1) tal-Kap 16
[14] Art. 1196(2) tal-Kap 16
[15] Art. 1197(1) tal-Kap 16
[16] Art. 1145(d) tal-Kap 16
[17] P.A. **3.5.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri et vs Vella*** (Kollez. Vol: **LXXVII.iii.128**)

Madankollu, ma jidhirx li jista' jingħad li l-ftehim kien li n-negozju kellu jkun wieħed ta' tpartit, kif trid il-liġi[18], għalkemm għal kuntratt bħal dan japplikaw ir-regoli tal-kuntratt tal-bejgħ[19]. Huwa minnu, iżda, li ma ntwera mkien li l-kumpannija attriċi qatt tħallset xi parti mill-prezz tal-konsenji li forniet lill-MCWL fi flus, iżda jidher li, b'arranġament, aċċettat li "tixtri" bi tpaċija konsenji ta' konkos mingħand id-debitriċi tagħha. Kif sewwa tissottometti l-kumpannija attriċi fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha, jidher li l-partijiet kienu daħlu f'kuntratt ta' bejgħ u ħaddmu l-prattika tal-użu ta' *credit notes*, fejn il-kreditriċi tkun inqdiet bil-fakulta' li parti mill-prezz tirċevih b'materjal in natura. Fil-każ tan-negozju bejn il-kumpannija attriċi u ML, qabel u sal-1991, ma jidhirx li kien sar arranġament ta' tpartit ta' materjal jew ta' tpaċija ta' kontijiet b'konsenji reċiproċi. Kemm hu hekk, jidher li minħabba l-bilanċ li kien għadu dovut lill-kumpannija attriċi minn ML, inħareġ ċekk ta' elf lira Maltija akkont;

Illi xejn ma jiswa lill-kumpannija attriċi li tisħaq li ma kien hemm l-ebda ftehim formali bejnha u MCWL biex il-prezz tal-konsenji tagħha jinqatgħu bi tpaċija, ladarba t-tpaċija jew kompensazzjoni legali topera awtomatikament hekk kif iseħħu l-kundizzjonijiet maħsuba fil-liġi għaliha. Min-naħa l-oħra, dan lanqas ma jfisser li kull kreditu li l-kumpannija attriċi tqis li għadu dovut lilha jrid tabilfors jitħallas b'materjal ieħor tad-debitriċi tagħha. It-tpartit tal-materjal kienet offerta li MCWL kienet għamlet lid-diretturi tal-kumpannija attriċi bħala mod ta' ħlas, iżda mingħajr ma b'hekk rabtet lill-kumpannija attriċi li tqis li l-kuntratt (x'aktarx fis-sura ta' kont kurrenti) bejniethom kellu jkun fin-natura ta' permuta;

Illi fil-każ tal-eċċezzjoni taħt eżami, jista' jingħad li din ma hija mistħoqqa fil-konfront tal-ebda waħda miż-żewġ kumpanniji mħarrka. Fil-każ ta' ML, minħabba l-fatt li wara li kienet waqfet tixtri materjal mingħand l-attriċi fl-1991, kienet offriet iċ-*cheque* bi ħlas akkont sentejn wara. Dan l-għamil – għalkemm fil-fatt il-ħlas baqa' ma sarx

[18] Art. 1485 tal-Kap 16
[19] Art. 1493 tal-Kap 16

għaliex ma kienx hemm flus fil-kont mnejn inħareġ iċ-*cheque* – ixejjen għal kollox l-eċċezzjoni tat-tpaċija. Min ikun paċa kreditu b'ieħor, ma joħroġx ħlasijiet la fi flus kontanti u lanqas permezz ta' *cheque*. Fil-każ tal-imħarrka MCWL ukoll l-eċċezzjoni tat-tpaċija ma tidhirx mistħoqqa, u dan sewwasew għaliex hija stess tistqarr li għad fadal xi ħlas minnha dovut;

Illi nqalgħet kwestjoni dwar parti mill-bilanċ ammontanti għal ħmistax-il mitt lira Maltija (Lm 1,500) li MCWL tgħid li tat lil kreditur tal-kumpannija attriċi (Hallett Construction Limited) taħt l-arranġament li kellha mal-kumpannija attriċi. Il-kumpannija attriċi tiċħad li dak l-ammont għandu jinqata' mill-bilanċ dovut lilha għaliex hija tisħaq li kienet avżat lil MCWL biex tieqaf tagħti lil Hallett aktar materjal[20]. Min-naħa tagħha, MCWL ma tiċħadx li rċeviet struzzjonijiet biex tieqaf tikkonsenja materjal lil terzi, iżda tisħaq li malli rċeviethom waqfet minnufih li tforni lil dawk it-terzi[21];

Illi ladarba kien jaqa' fuq il-kumpannija mħarrka MCWL il-piż li turi li tassew kienet inħarġet *credit note* għax-xogħol ta' konkos fornit minnha lil Hallett Construction Limited, u din il-prova ma tressqitx, il-Qorti ssibha iebsa biex temmen li, wkoll kieku saret tali konsenja, din kellha tinqata' mill-kreditu dovut lill-kumpannija attriċi. Dan jingħad għaliex, għallanqas, hemm qbil bejn iż-żewġ partijiet li, f'waqt partikolari, kien tassew ingħata avviż mill-kumpannija attriċi biex ma jingħatawx aktar fornituri lil Hallett;

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti qegħda tasal għall-fehma li l-eċċezzjoni taħt eżami dwar kull waħda mill-imħarrkin ma tirriżultax mistħoqqa u sejra twarrabha, ħlief li sejra tqis x'inhu s-sehem li kull waħda mill-imħarrkin imissha tħallas mis-somma mitluba;

Illi, mill-provi mressqa mill-kumpannija attriċi nnifisha, jirriżulta li l-kreditu li kien lilha dovut qabel waqqfet il-konsenji lil Planka Limited kien jammonta għal elfejn erba'

[20] Xhieda ta' Gaetano Abdilla 12.5.2005, f'paġġ. 150-2 tal-proċess
[21] Xhieda ta' Sebastian Dalli 3.11.2005, f'paġ. 160-1 tal-proċess

mija u ħamsa u disgħin lira Maltija u erbgħa u tletin ċenteżmu (Lm 2,495.34). Dan ifisser għalhekk, li dan trid tagħmel tajjeb għalih l-imħarrka ML. Ifisser ukoll li l-bilanċ ta' erbat elef mitejn u tlieta u disgħin lira Maltija u erbgħa u tletin ċenteżmi (Lm 4,293.34) huwa dovut mill-imħarrka MCWL. Fuq l-imsemmija konsenji, jrid jgħaddi mgħax legali sal-jum tal-ħlas effettiv;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' t-talba attriċi** u tikkudanna lill-kumpannija mħarrka Mixer Limited tħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta' elfejn erba' mija u ħamsa u disgħin lira Maltija u erbgħa u tletin ċenteżmi (Lm 2,495.34) flimkien mal-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'effett mill-31 ta' Mejju, 1991, sal-jum tal-ħlas effettiv, u tikkundanna lill-kumpannija mħarrka Mixer Concrete Works Limited tħallas lill-attriċi s-somma ta' erbat elef mitejn u tlieta u disgħin lira Maltija u erbgħa u tletin ċenteżmi (Lm 4,293.34), flimkien mal-imgħax legali b'effett mid-data ta' kull konsenja sal-jum tal-ħlas effettiv, liema ammonti jirrappreżentaw il-bilanċ ta' prezz ta' materjal mibjugħ u konsenjat lill-imsemmija kumpanniji mħarrka fuq talba tagħhom; bl-ispejjeż kontra l-istess kumpanniji mħarrka, flimkien u solidalment bejniethom.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM---------------------------------